Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

FOLJU T'AĦBARIJIET
Numru 192 :: MEJJU 2012

Editur:
Paul Vella

# IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-**Ġimgħa, 25 ta' Mejju, 2012** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieq















 naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

# PATRI DONAT SPITERI, OFM Cap., S.Th.D.,S.S.L.



Patri Donat Spiteri twieled il-Marsa nhar it-13 ta' Ottubru 1922 bl-isem ta' Alfred.. Ingħaqad mal-Ordni Franġiskan u ngħata l-isem ta' Donat u laħaq Sacerdot Kapuċċin nhar it-13 ta' Marzu 1948.

Patri Donat intbagħat jistudja t-Teoloġija fl-Università Pontifiċja Gregorjana f'Ruma l-Italja, fejn kiseb il-Licenzjat u Dottorat fit-Teoloġija. Studja l-Iskrittura Mqaddsa fil-Pontificio Istituto Bibblico u l-Licenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa. Irritorna Malta fl-1954 u beda jgħallem lill-istudenti Kapuċċini.

Patri Donat kien Kappillan tal-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa, bejn l-1958 u l-1967 fejn ħa ħsieb ukoll li jinbena ċ-Ċentru Parrokjali San Piju X tal-Marsa. Kien Kappillan ukoll tal-Paroċċa ta' Lourdes, San Ġwann, bejn l-1983 u l-1991. F'San Ġwann ukoll ra li jħalli Ċentru Parrokjali San Ġużepp fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu l-għaqdiet, kif ukoll ħa ħsieb ukoll biex jirrestawra bl-għajnuna tal-Ministeru tax-Xogħlijiet il-kappella ddedikata lil Santa Margerita.

Bejn 1966 u l-1988, kien għalliem u Professur tal-istudji Bibbliċi fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, fejn mal-Prof. Karm Sant u oħrajn waqqfu l-Għaqda Bibblika Maltija fl-1958 li tagħha kien President. L-aqwa Opra ta' din l-Għaqda kienet il-pubblikazzjoni tal-Bibbja bil-Malti, li x-xogħol fuq din it-traduzzjoni beda fl-1966 u baqa' għaddej sal-ewwel pubblikazzjoni, fl-1984. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Bibbja ġiet riveduta. It-tieni edizzjoni ġiet ippubblikata fl-1996, wara reviżjoni li ħadet ħames snin. Peress li t-tagħlim u l-ispjegazzjoni tal-Bibbja kienu u għadhom il-missjoni ta' ħajtu, kellu sehem kbir fit-twaqqif tad-"Dar il-Bibbja" fil-Furjana bħala Ċentru Bibbliku li din infetħet fl-1997.

Ħuwa wkoll awtur ta' għadd ta' kotba b'temi Teoloġiċi tal-Bibbja fosthom il-Ktieb tas-Salmi, Dizzjunarju Bibbliku – Temi Teoloġiċi, l-Evanġelji ta' San Mattew u San Luqa, il-Ktieb ta' l-Atti tal-Appostli u ħafna oħrajn li qed ikunu pubblikati mill-Għaqda Bibblika Maltija. "Illum tkun fil-Ġenna Miegħi" huwa l-aħħar ktieb tiegħu li kiteb fl-2007. Kiteb ukoll artikli f'ġurnali u rivisti u anke xandiriet dwar l-Iskrittura Mqaddsa. Dar anke l-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex jagħmel korsijiet Bibbliċi.

Peres li l-Bibbja saret ħaġa waħda miegħu f' Jannar 1974, ħareġ l-ewwel darba il-"Kliem il-Ħajja", ktejjeb ta'għajnuna għall-qari tal-Bibbja u paġna ċkejkna kuljum b'silta mit-test tal-Kotba Mqaddsa, li joħroġ kull erba' xhur li l-abbonati jħallsu somma ta' €3 biss. Patri Donat, li matul iż-żmien kien l-editur u sal-lum għadu Direttur Ġenerali, fejn sa ftit snin ilu kien jieħu ħsieb il-kitba u l-pubblikazzjoni ta' "Kliem il-Ħajja" waħdu, illum dan il-ktejjeb 38 sena wara għadu jitqassam fid-djar f'Malta u Għawdex u anke fost l-emigranti Maltin. "Kliem il-Hajja" sal-lum jitqassmu mal-20,000 koppja li jitqassmu bl-idejn bl-għajnuna tal-voluntiera.

Patri Donat Spiteri, kif inhu magħruf ħa ħsieb wkoll li fl-2004 fl-għeluq it-30 sena ta' din il-publikkazzjoni tinfetaħ libreri-ja u uffiċċju ta' "Kliem il-Hajja" fil-Kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana, fejn isir ħafna mix-xogħol tiegħu u jintuża ukoll minn persuni interessati fl-Istudji Bibbliċi.

Fit-13 Diċembru, 2009 Patri Donat Spiteri, OFM Cap ġie onorat bil-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika mill-E.T. il-President, Dr George Abela.

Dan l-aħħar kien ġie onorat "Ġieħ il-Marsa" u "Ġieħ San Ġwann" mill-Kunsilli Lokali tal-Marsa u ta' San Ġwann.

Patri Donat Spiteri, OFM Cap li mar għand il-Mulej fid-19 ta' Dicembru, 2011, li kien il-moħħ wara "Kliem il-Hajja" li naf li hemm xi Maltin fl-Awstralja li jiksbu xi kopji tiegħu dwar il-Kelma t'Alla.

***(Dan it-tagħrif irċevejnieh mingħand Anna Spiteri, minn Malta, li dan l-aħħar bdiet tirċievi l-Folju tagħna, u kitbet ittra sabiħa li jekk ikollna wisgħa ninkluduha fil-ħarġa li tmiss minħabba l-ispazju. Patri Donat jiġi z-ziju tagħha. Nirringrazzjawha).***

***Nixtiequ naraw aktar membri jissieħbu magħna. Jekk kull membru jħajjar lil xi ħadd tal-familja jew xi ħbieb li għandhom għal qalbhom il-lingwa Maltija, b'hekk inkabbru n-numru tal-membri tal-Grupp tagħna.***

# XOGĦOL GĦAL-LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA

Naf li għadu ftit kmieni, imma jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għal-Lejla Mużiko-Letterarja ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Ray Anastasi, 19 Daimler Ave, Keilor Downs, Victoria 3038** biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Kif tafu, ix-xogħol irid jiġi ttajpjat, moqri, ikkoreġut, u wara, biex kollox ikun sew jiġi moqri. Dan jieħu ħafna żmien. Wara irid jiġi ppaġnat u jmur għand l-istampatur biex jiġi mitbugħ biex ikun għandna għall-Programm Mużiko-Letterarju. L-għajnuna tagħkom tkun apprezzata.

# MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Il-miżata għadha $10.

# "VERSI" TFAKKAR LILL-PATRI ANASTASJU CUSCHIERI



Din is-sena jaħbat ukoll għeluq il-50 sena mill-mewt ta' Patri Anastasju Cuschieri u kif inhu xieraq tassew, ir-rivista tal-Għaqda Poeti Maltin ħadet ħsieb tfakkar lil "wieħed mill-pilastri maġġuri tal-era romantika Maltija". Il-Professur Patri Anastasju Cuschieri, Karmelitan, kien magħruf għall-għerf tiegħu u ngħata t-titlu ta' "Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija" għall-versi Marjani u l-poeżiji li niseġ f'ġieħ l-ilsien Malti.
L-editorjal jilmenta li fis-sena dedikata lill-volontarjat l-Għaqda Poeti Maltin, li llum tgħodd 85 membru, baqgħet ma ngħatat l-ebda għajnuna mill-awtoritajiet u għadha tittama li xi darba jkollha l-post tagħha fejn tiltaqa'. ***(Grazzi lis-Sur Joe Borg li bagħatli dan it-tagħrif)***

## *Ittri li rċevejna . . .*

*Għażiż Paul,*
*Grazzi ħafna tax-xogħol li intom tagħmlu. Jien noqgħod Sydney, NSW.*
*Nieħu gost naqra bil-Malti. Nixtieq li fil-Folju jkun hemm xi poeżiji miktuba addatti għaż-żmien li nkunu fih, bħallikieku, l-Għid.*
*Nhar il-21 ta' Marzu, 2012, tlift l-omm/in-nanna tagħna, Maria Rosaria Saliba, fl-età ta' 86 sena.*
*B'qalb sogħbiena, flimkien ma' uliedi, kellna celebrazzjoni ta' ħajjitha. Ilni ma' nħarbex xi ħaġa, imma nispera li nerġa' nibda nikteb u qed nipprova xi ħaġa issa. Jekk din tajba żommha u tista' tużaha. Jekk hemm xi żbalji tista' tirranġahom ukoll, jekk jogħġbok.*
***Antoinette Mascari, NSW***

*Għażiż Paul,*
*Grazzi u prosit. Kuntatt tajjeb ħafna bl-internet.*
*Jiena bħalissa ninsab ngħallem il-Malti fl-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu, meta nsib ħin u jkun jogħġobkom ngħaddilek artiklu żgħir dwar dan. Nieħu wkoll ħsieb il-Kappella ta' San Pawl, f'Ħ'Attard, Malta. Kont organizzajt ir-restawr tagħha u ktibt ktejjeb dwarha, imsejjes fuq dokumenti oriġinali li jmorru lura għall-1729. Illum tintuża għall-quddies, laqgħat u anniversarji ta' individwi. Saħħa.*
***Reno Saliba***

*Ghaziz Paul,*
*Apparti li ma nafekx nixtieq nifrahlek ghal dan il-folju li hu interessanti hafna u dejjem iwassalni biex niftakar fil-qraba li ghandi fl-Awstralja li hekk kif nirċevih nibghatulhom*
*Grazzi u tislijiet mill-qalb,*
***Joseph Angileri, Valletta Malta***

*Għażiż ħabib tiegħi Paul,*
*Prosit tassew u grazzi minn qalbi għall-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija li għoġbok tibgħatli. Nifraħlek dejjem għall-ħidma tant siewja u serja tiegħek f'ġieħ Malta. Il-ħidma konsistenti tiegħek hija eżempju għal kulħadd, eżempju mill-isbaħ. Inselli għalik ħafna.*
***Prof. Oliver Friggieri***

*Grazzi ħafna għażiż Paul,*
*Nieħu gost bil-Folju. Napprezza ħafna.*
***Mario Tabone-Vassallo,** MD, FRCSEdin., FRCSEng., FCEM.*

***(Aktar ittri f'ħarġa oħra)***

## Lil Ommi

Ma,
Kemm nixtieq nerġa' nitlajja
fil-jiem ħelwa tat-tfulija
biex bla ħtija
nerġa' nkun qrib ta' djulek.
Minn xħin tlaqt il-wens ta' darek
qamu rwiefen kontra tiegħi,
kibru miegħi
l-għawġ u d-diqa
bħal mixtieqa
li joħonqu ħjiel is-sliem.
Ma narakx aktar bħal dari
ħienja tmellisli xagħri
u minni tbiegħed kull dnewwa
waqt li tgħallimni s-sewwa.
Ma nismax il-bewsa tiegħek
iżjed tfaqqa' fuq ħaddejja
waqt li ħdejja
ġrajjiet sbieħ tinsiġli u għana.
B'dana kollu,
għalkemm kiefer huwa l-ftim,
bħad-destin li ġ'għalni nsiefer,
xorta nfittex il-wens tiegħek,
sabiex miegħek
naqsam ftit l-imrar tal-ħajja
u mill-ġdid nerġa' nitlajja
fil-jiem ħelwa tat-tfulija
biex insib id-dar kennija
u nitkixxef
x'kien li nixxef
l-għajn ta' barka
li bis-sliema kienet tfur,
fejn int kont għallimtni talbek
meta qalbi strieħet f'qalbek
u din ħajti kienet tfur.

**Frank Zammit, NSW** *(Jum l-Omm, 15-5-83)*

Victoria
Department of
Premier and Cabinet
OFFICE OF
MULTICULTURAL
AFFAIRS AND
CITIZENSHIP
*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**